Kunsill Lokali Ħal Balzan
153, Triq il-Kbira
Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 29

Data tal-laqgħa: 11 ta' Jannar, 2017

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 153, Triq il-Kbira, Ħal Balzan, fl-4.30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Dr Ian Spiteri – Sindku
Andre' Grech – Viċi Sindku
Desmond Zammit Marmara' – Kunsillier
Daniel Muscat – Kunsillier
Joe Galea – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Dr Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

## 29.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti ta' Laqgħa Numru 28 u tal-Laqgħa Annwali tal-Lokalita'

29.1.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-minuti tat-Tminja u Għoxrin Laqgħa u tal-Laqgħa Annwali tal-Lokalita'. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

29.1.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament.

## 29.2 Punti li joħorġu mill-Minuti

29.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li ġabet il-kwotazzjoni għal *diffusers* u *shades* mingħand il-kuntrattur li jirranġa l-bozoz f'Ħal Balzan peress li l-Kunsill kien irċieva lment fuq bozza fi Triq Sir Antonio Micallef li qed titfa' dawl qawwi f'kamra tas-sodda ta' residenta.

29.2.2 *Diffuser* jammonta għal €88.50 jista' jintuża fuq il-lanterni l-ġodda li hawn fil-qalba tar-raħal u *shade* li jammonta għal €51.30 jista' jintuża fuq il-kumplament tal-bozoz.

29.2.3 Il-Kunsill unanimament qabel li meta jirċievi dawn it-tip ta' ilmenti, *diffuser* jew *shade* irid isir mill-kuntrattur tal-Kunsill a spejjeż ta' l-individwu.

## 29.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

29.3.1 Is-Sindku Dr Ian Spiteri infurma lill-Kunsill li l-ġimgħa d-dieħla se jitwaħħlu s-sollijiet fil-*premises* il-ġodda tal-Kunsill.

~~29.3.2 Is-Sindku Dr Ian Spiteri infurma lill-Kunsill li~~

29.3.3.1 Is-Sindku Dr Ian Spiteri infurma lill-Kunsill li s-Sa Cheryl Falzon, CEO tal-Libreriji Maltin ġiet tispezzjona l-kamra fejn il-Kunsill għandu l-ħsieb li jagħmel il-librerija fil-*premises* il-ġodda.

29.3.3.2 Is-Sa Falzon infurmat lis-Sindku li minħabba l-post ma jikkwalifikax għal Librerija Pubblika minħabba l-qies tiegħu.

29.3.3.3 Is-Sa Falzon infurmat lis-Sindku li hemm żewġ (2) għażliet li l-Kunsill jista' jagħżel:

1. Li l-Kunsill jingħaqad ma' Kunsilli oħra sabiex tinfetaħ Librerija Pubblika jew
2. Li l-Kunsill joffri s-servizz għar-residenti ta' Ħal Balzan mingħajr ma tkun irreklamata bħala Librerija Pubblika.

Jekk il-Kunsill jagħżel it-tieni (2) idea, huma bħala Libreriji Maltin lesti li joffru l-għajnuna neċessarja sabiex il-kotba jiġu *indexed* u ssortjati skond il-ġeneru tagħhom.

29.3.3.4 Il-Kunsill unanimanent ma qabilx li jingħaqad ma' Kunsilli oħra minħabba problema ta' loġistika, pero' qabel unanimament li joffri s-servizz għar-residenti kif imsemmi f'għażla numru 2.

29.3.3.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ser tinforma lis-Sa Cheryl Falzon dwar dan.

29.3.4.1 Ġiet innutata Direttiva 5A/2016 – Irtirar ta' Direttiva Numru 5/2016 u Sostituzzjoni tagħha mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

29.3.4.2 Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex titlob kjarifika lid-Dipartiment sabiex jiġi stabbilit

nistgħux nagħtu *mementoes* lill-persuni li jiġu mogħtija l-premju ta' Ġieh il-Lokalita'. Ġie deċiż ukoll li tintalab kjarifika dwar jekk il-Kunsill jistax:

1. Jirċievi *mementoes* jew flus mingħand xi *sponsor* li jidħol f'kollaborazzjoni mal-Kunsill f'xi attivita' jew kompetizzjoni.
2. Jagħti *mementoes* li xi sponsor li jkun daħal f'kollaborazzjoni mal-Kunsill f'xi attivita' jew kompetizzjoni bħala apprezzament.

## 29.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

29.4.1 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara' informa lill-Kunsill li l-Ħarġa għall-Anzjani ta' Jannar mhix se ssir. Il-ħarġa li jmiss se ssir fi Frar.

29.4.2 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara' staqsa fuq kif bqajna fuq il-problema ta' parkeġġ quddiem il-garaxx numru 17, Triq it-Tliet Knejjes.

29.4.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatu li saret applikazzjoni ma' Transport Malta u għadna qed nistennew l-approvazzjoni.

29.4.3 Il-Kunsillier Daniel Muscat informa lill-Kunsill li hemm bżonn li ssir 'Stop' fi Triq Santa Marija int u ħiereġ għal Triq Robert Mifsud Bonnici, Ħal Lija għax karozzi qed jibqgħu ħerġien. Il-Kunsill approva li ssir applikazzjoni ma' Transport Malta.

29.4.4 Il-Viċi Sindku Andre' Grech informa lill-Kunsill li x-xogħlijiet ta' spralli ġodda mill-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura fi Pjazza Bertu Fenech se jitlestew sa l-aħħar ta' din il-ġimgħa. Se jinforma lill-PPCD sabiex jiċċertifikaw ix-xogħol minħabba l-garanzija.

29.4.5.1 Il-Viċi Sindku Andre' Grech informa lill-Kunsill li l-bieraħ 10/01/17, kellmuh mill-Enemalta fejn qalulu li hemm bżonn li tinqala' parti mill-bankina fi Triq Guze Bonnici k/m Triq Dun Spir Sammut peress li hemm problema li qed tikkawża qtugħ ta' dawl fl-akwati.

29.4.5.2 Hu nforma lill-Kunsill li x-xogħol beda mmedjatament minħabba l-urġenza tiegħu u nforma lill-Enemalta li x-xogħol jista' jsir bil-kundizzjoni li l-bankina u t-triq jiġu rranġati għall-istat oriġinali tagħhom.

29.4.6 Is-Sindku Dr Ian Spiteri ħareġ bl-idea li l-bankina ta' quddiem il-*premises* il-ġodda tal-Kunsill issir bil-blokok pavementari biex tkompli mal-kumplament tat-triq. Hu talab lill-Kunsillier Joe Galea sabiex iġib kwotazzjonijiet ta' xiri u tqegħied ta' blokok pavimentari sabiex naraw xi tkun l-ispiża u jiġi deċiż jekk issirx aktar il'quddiem.

## 29.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Rapporti

29.5.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport Annwali Amministrattiv għas-sena 2016 (anness). Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

29.5.1.2 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara talab sabiex titneħħa parti minn sentenza li tinsab fuq paġna 6 taħt it-titolu *Enforcement Issues* li taqara *"which is not opening on a regular basis and is not helping in the effective enforcement as requested by the community on time''* għax l-Għassa tal-Pulizija ta' Ħal Balzan qed tiftaħ regolarment.

29.5.1.3 Il-Kunsill approva dan ir-rapport hekk kif irranġat unanimament.

29.5.2.1 L-Estimi għas-sena Finanzjarja 2016, kif approvati fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill tqiegħdu fuq il-mejda tal-Kunsill fil-*format* skont ir-regolamenti finanzjarji (anness). Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

29.5.2.2 Il-Kunsill approva L-Estimi għas-sena Finanzjarja 2016 ġew approvati unanimament.

29.5.3.1 Il-Pjan ta' Ħidma għat-tlett snin 2017-2019 tqiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

29.5.3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li skond Ċirkulari Numru 1/2017 – Funzjoni dwar iż-żamma fi stat tajjeb u manutenzjoni tat-toroq li ġiet mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, jrid isir elenku tat-toroq tal-lokalita' li jeħtieġu manutenzjoni sabiex jiġu nklużi fil-Pjan ta' Ħidma.

29.5.3.3 Lista ta' toroq ġiet preparata sabiex tiġi inkluża fil-Pjan ta' Ħidma għat-tlett snin 2017-2019.

29.5.3.4 Is-Segretarju Eżekuttiv se tippreżenta kopja aġġornata biex tiġi approvata u ffirmata waqt l-laqgħa li jmiss.

## 29.6 Performance Bonus għas-sena 2016 lis-Segretarju Eżekuttiv u lill-Ħaddiema Klerikali

29.6.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed r-rapport tal-Effiċjenza għal parti mis-sena 2016 fir-rigward tas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill, s-Sinjorina Doriette Farrugia. Ir-rapport ikopri minn l-14 ta' Settembru 2016 sal-31 ta' Diċembru 2016. Il-Kunsill iddiskuta r-rapport tas-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill unanimament approva performance bonus ta' 10% tas-salarju. Is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzjat lill-Kunsill.

29.6.2 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed r-rapport tal-Effiċjenza għal parti mis-sena 2016 fir-rigward ta' l-Aġent Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill, s-Sur Mark Mallia. Ir-rapport ikopri minn l-1 ta' Jannar 2016 sat-13 ta' Settembru 2016. Il-Kunsill iddiskuta r-rapport tas-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill unanimament approva performance bonus ta' 10% tas-salarju.

29.6.3 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed r-rapporti tal-Effiċjenza għal parti mis-sena 2016 fir-rigward tal-impjegati tal-Kunsill, s-Sinjorina Doriette Farrugia. Ir-rapport ikopri minn l-1 ta' Jannar 2016 sat-13 ta' Settembru 2016. Il-Kunsill unanimament approva li s-Sinjorina Farrugia tingħata performance bonus ta' 6% tas-salarju tagħha.

29.6.4 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed r-rapporti tal-Effiċjenza għas-sena 2016 fir-rigward tal-impjegati tal-Kunsill, s-Sinjura Mariella Casha. Il-Kunsill unanimament approva li s-Sinjura Casha tingħata performance bonus ta' 6% tas-salarju tagħha.

## 29.7 Ħatra tal-bord ta' l-evalwazzjoni għat-Tenders

29.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li hemm bżonn li jinħatar il-bord ta' l-evalwazzjoni għat-Tender għal manutenzjoni ta' tabelli u sinjali tat-toroq u għat-Tender għaż-żamma u manutenzjoni ta' ġonna u *soft areas* li se jiġi maħruġ bis-sistema tal-ePPS aktar tard din is-sena.

29.7.2 Ġie deċiż għaż-żewġ (2) Tenders, li l-iskrivana Mariella Casha u l-Viċi Sindku Andre' Grech se joqgħodu *Opening Staff*.

29.7.3 Il-Bord ta' l-evalwazzjoni għal dawn iż-żewġ (2) se jkun magħmul minn dawn il-membri:
Is-Sindku Ian Spiteri u l-Kunsilliera Joe Galea u Desmond Zammit Marmara' se jkollhom ir-rwol ta' *Evaluating Staff* u
il-Kunsillier Daniel Muscat se jkollu r-rwol ta' *Chairperson* tal-bord ta' l-evalwazzjoni sabiex issir l-aġġudikazzjoni.

## 29.8 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

29.8.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-kumpanija Webee Ltd li tipprovdi s-servizz ta' *hosting* tal-*website* tal-Kunsill qed tibdel it-tariffi tagħha. Hemm tlett (3) tipi ta' servizzi offruti: *Starter*, *Standard* u *Business*.

29.8.1.2 Il-Kunsill approva li jagħmel użu tas-servizz *Standard* li jammonta għal €141.60 VAT inkluż.

29.8.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li rċiviet mingħand il-kumpanija GreenPak u mingħand il-kumpanija WEEE Malta sabiex il-Kunsill jidħol fi ftehim dwar ġbir ta' skart elettroniku.

29.8.2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li talbet lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għal direzzjoni u qed tistenna risposta.

29.8.3.1 Ġiet innutata Ċirkulari 50/2016 – Sejħiet għall-offerti / Kuntratti dwar manutenzjoni tad-dwal tat-toroq mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, fejn qed tingħata struzzjoni lill-Kunsilli sabiex joħorġu sejħa għall-offerti. Il-Kunsill jista' jagħżel li joħroġ is-sejħa individwalment jew bħala grupp ta' Kunsilli Lokali jew bħala Reġjun.

29.8.3.2 Il-Kunsill wera x-xewqa li joħroġ din is-sejħa individwalment. Is-Segretarju Eżekuttiv se tibda l-proċess biex toħroġ din is-sejħa.

## 29.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

29.9.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti li ġġib id-data ta' l-11 ta' Jannar 2017 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 19,168.02.

29.9.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Joe Galea li kien issekondat mill-Kunsillier Daniel Muscat. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 29.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

29.10.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-6.15pm.

29.10.2 Il-Laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 7 ta' Frar 2017 fl-5.00pm.

Konfermati, illum it-Tlieta, 7 ta' Frar 2017.

IFFIRMATA

Dr Ian Spiteri
Sindku

IFFIRMATA

Doriette Farrugia
Segretarju Eżekuttiv